MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 179/2007

Kawza fil-lista: 20

**AB**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-7 ta' Awissu 2002 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (DokA).

2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19 (1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew iktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Awissu 2002.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-7 ta' Awissu 2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kwadru tal-fatti**
Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin Sirjan, fis-7 ta' Awissu 2002, wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa erba' [4] xhur.

Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa ghaxart [10] ijiem il-konvenut telaq mid-dar konjugali.

L-attrici tispjega li “imbaghad izzewwigna, u wara gimgha, xi ghaxart ijiem wara, qalli li sejjer Ghawdex, u ma rajtux izjed b’ ghajnejja ….. [sussegwentement] bdejt nohrog ma wiehed [ragel] u wara xi seba’ xhur hrigt pregnant minn tieghu;  u wara erba’ xhur tqala ltqajt mieghu, mar-ragel.” Konsegwentement il-partijiet qabblu li jibdew il-proceduri ghas-separazzjoni.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat da parti tal-konvenut; peress li, mill-komportament tal-konvenut ftit granet wara z-zwieg, tirrizulta manifesta l-eskluzzjoni posittiva da parti tieghu ta’ l-obbligi essenzjali tal-hajja matrimonjali, u senjatament dak tal-konvivenza matrimonjali ma’ l-attrici.  Jirrizulta car li, ghalkemm il-konvenut esternament ghadda minn ceremonja ta’ zwieg, izda internament u b’ att pozittiv tal-volonta’ tieghu huwa eskluda l-imsemmi obbligu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta’ Awissu 2002. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------